**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-21 ta' April, 2017

Talba Numru: 425/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 35

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**MRS1501**

**vs**

**Kamil Bayyumi (ID0125774A)**
**123 Flat 1**
**Triq Rodolfu**
**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-05 ta' Ottubru, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' seba' mija u tlieta u hamsin ewro u sebghin centezmu (€753.70c) in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni maghruf bhala 'Limitless 25' li gie prestat mis-Socjeta' attrici lil konvenut fuq kont li jgib n-numru AC40494992.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenut gie notifikat  kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini  preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta' attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex tirrispondih  u ghalhekk  għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u hamsin ewro u sebghin centezmu (€753.70c) bl-imghaxijiet legali  sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**